SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru.

Kastilja 10 ta' Novembru 1978

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji u tal Poplu |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xogholijiet u Sports |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija Port u Telekommunikazzjonijiet |
| l-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |

Prezenti wkoll:

Is-sinjuri J.Borg, G. Agius, Dr E. Mizzi, A. Agius Ferrante, J. Cassar, H. Coppini, A. Mizzi, C. Vella, J. Sammut

Il-Kabinett iddiskuta dettaljatament l-ahhar zviluppi dwar dawn il-progetti:

Marsa Yard

Il-Prim Ministru ta' taghrif ta' kif l-Marsa Shipbuilding Co. ghandha tiehu l-Freedom Press billi parti mill-Interprint tinghata lill-Libjani u jsir sforz biex jinsab post iehor ghall-ufficini, ghar-restaurant u ghat-Teatru tal-Freedom Press.

Gie deciz illi l-postijiet il-godda ghandha takkwisthom x-Shipbuilding Yard minghand il-Gvern u mbaghad wara jinbidlu mal-Freedom Press. Is-Sur Coppini u Chairman tal-Malta Development Corporation gew inkarigati biex jidhlu fil-kwistjoni tal-post li sejjer jaqa f'idejn l-Interprint.

Il-Prim Ministru fakkar lill-Kabinett illi dawn l-arrangamenti dwar l-akkwist ta' postijiet alternattivi jridu jitressqu ghal-kunsiderazzjoni tal-Parlament.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA



National Engineering Co.

Il-Kabinett gie nfurmat illi l-hangars illi kellhom jinbnew ghal Libja ghandhom issa jiehdu hsiebhom in-National Engineering Co. Din il-kumpanija ghandha issa tohrog minn fejn qieghda illum fil-Power Station il-qadima u sakemm jinbnielhom l-postijiet il-godda ghandha tokkupa hangar f'Kalafrana. L-MDC ghandha tiehu hsieb illi n-National Engineering Co. dhandha tkun mghammra bil-makkinarju kollu li jinhtiegilha.

Il-Port ta' Marsaxlokk

Il-Prim Ministru ta' struzzjonijiet biex jigu ppreparati iz-zewg programmi ghal-Part ta' Marsaxlokk:

Wiehed kien jiehu hsieb ix-xoghol bit-taghmir li ga jezisti u l-iehor billi jindika t-taghmir addizzjonali illi ghandha takkwista.

Gew approvati x-xogholijiet mehtiega ghal-mollijiet tal-merkanzija.

Il-Port il-Kbir

Gie deciz biex jinghata bidu mid-dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghax-xogholijiet li jinhtiegu mill-Ministeru tal-Finanzi. Gie wkoll deciz illi wara li jintemmu x-xogholijiet fl-istores tas-Central Supplies f'Hal Qormi ma ghandhomx jinbnew stores izjed.

Menqa Basin

Gie deciz illi ghandu jitlesta pjan ta' zvilupp ghal-Menqa u l-art ta' madwara li ghandu jwassal sal-Bieb tal-Bombi kif wkoll x'taghmir huwa mehtieg ghal dan l-izvilupp.

Ghandu wkoll jsir sforz biex insiby post go l-Port il-Kbir ghas-silo tas-Siment.

Affarijiet ohra

a) Gie deciz biex in-Nissen Huts go Valletta Ditch ghandhom jizzarmaw u jerghu jittelghu f'ta' Qali. Ghandu jsir survey ta' Nissen Huts kollha li jinsabu f'Malta biex dawn jingarru ghal ta' Qali.

b) Rigward Montgomery House il-Furjana li dalwaqt ihalluha l-Inglizi ghandu jigi ppreparat pjan mis-Segretarju Amministrattiv b'liema mod ghandha tigi allokata qabel mad-dipartimenti tal-Gvern jokkupawha.

c) Il-Head Office tal-Bical go l-Belt ghandu jigi offrut b'kera lill-Air Malta.

Fil-11 p.m. is-Seduta giet aggornata sine die.

.......................... ..........................

Segretarju tal-Kabinett Chairman tal-Kabinett